# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 5205/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Caruana**

Illum 16 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Joseph Caruana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 260462(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur minn Jannar 2023 sa Settembru 2023, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Maria Rita Calleja u/jew

lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7(2)(a), 12(2), 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"i. Tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġidikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Caruana, deċiża fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u konsegwentement tillibera lill-appellanti Joseph Caruana minn kull imputazzjomni u ħtija; ii. Fin-nuqqas u għaldaqstant li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appelanti ħati, tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-27 ta' Novembru 2024.

Semgħet, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li l-Qorti setgħet tħalli l-appell għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Ottubru 2024.

Illi jirriżulta li l-appellant allura imputat instab ħati mill-Ewwel Qorti talli naqas li jħallas il-manteniment dovut lill-*parte civile*. Huwa ġie kkundannat xahrejn detenzjoni.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju *per se* fir-rigward ta' dak deċiż fis-sentenza appellata għajr għall-fatt li jisħaq li huwa appella mis-sentenza msemmija peress li kien ser iħallas l-ammont dovut ta' manteniment lill-*parte civile*. Jargumenta li jekk isir tali ħlas, huwa għandu jkun liberat u dana peress li kwalunkwe piena oħra ma tkunx qed tilħaq il-mira tagħha ossia li l-*parte civile* tirċievi l-manteniment dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi meta l-appell ġie appuntat għas-smiegħ quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024, dakinhar il-Qorti ħalliet l-appell sabiex jinstema fid-9 ta' Jannar 2025 sabiex possibbilment isir ħlas da parte tal-appellant. Minkejja dan, fis-seduta miżmuma fid-9 ta' Jannar 2025 il-Qorti ġiet infurmata li sa dakinhar ma kien hemm l-ebda żvilupp minn dakinhar li kienet inżammet is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024. Għal kull buon fini jingħad li mill-verbal tas-seduti msemmija ma jirriżulta minn imkien li l-appellant irribatta dak li din il-Qorti ġiet infurmata bih.

Illi minħabba li jirriżulta li l-appellant ma ħallas l-ebda ammont dovut minnu fir-rigward tal-proċeduri odjerni lill-*parte civile* b'hekk jirriżulta li r-Rikors tal-appell tiegħu ma jsib l-ebda sostenn.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta'

Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi, meħud dan t'hawn fuq in konsiderazzjoni, il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid billi tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjoni li tagħha huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata. Għaldaqstant, it-talbiet tal-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu qed jiġu miċħuda *in toto*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Joseph Caruana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**